MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1723/1998/1

***Brian Richard u Devonia konjugi Andrews u b' digriet tat-2 ta' Dicembru 1999, Dr.Frank Xavier Cassar assuma l-atti tal-kawza bhala prokuratur ta' l-assenti limisemmija Brian Richard u Devonia konjugi Andrews***
***vs***
***Alfred Borg***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturii, wara li ppremettew: illi l-konvenut huwa debitur tal-atturii fl-ammont ta' sittax il-elf sterlina [16,000 stg.] lilu misluf kif jirrizulta minn skrittura datata tnejn [2] ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disghin [1990] [Dok.A];

Premess illi ghalkemm interpellat diversi drabi sallum il-konvenut ghadu ma hallasx dan l-ammont;

Premess illi l-atturii kienu taw lill-konvenut is-somma ta' ghoxrin elf u hames mitt lira maltija [Lm20,500] liema ammont kellu jservi sabiex jiffinanzja l-akkwist ta' Porchester House, Triq l-Ghollieq Mosta;

Premess illi f' dan ir-rigward ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti huma regolati b' kuntratt datat hdax [11] ta' Marzu tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin [1988] [Dol.B];

Premess illi sussegwentement b' diversi kuntratti l-konvenut biegh u ttrasferixxa l-appartamenti kollha li jinsabu f' Porchester House, Triq l-Ghollieq Mosta u dana minghajr ma ta' ebda pre aviz lill-atturii kif obbliga ruhu li jaghmel fl-iskrittura fuq imsemmija;

Premess illi sallum il-konvenut ghadu ma hallasx lill-atturii s-sehem lilhom spettanti mill-bejgh ta' dawn l-appartamenti;

Premess ukoll illi dawn l-appartamenti nbieghu mill-konvenut bi prezzijiet xejn favorevoli u b' rizultat ta' dan l-agir l-atturii sofrew danni konsistenti f' telf ta' profitt;

Premess ukoll illi l-konvenut kien ghamel zmien jikri lill-terzi xi appartamenti li jinsabu f' Porchester House, Triq l-Ghollieq, Mosta minghajr qatt ma hallas lill-konvenuti sehemhom mill-kera li huwa rceva;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas lill-atturii baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri; talbu li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf lira sterlina ( 16,000 stg) somma lilu mislufa mill-atturi;
2. tillikwida jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, dik is-somma li hija dovuta mill-konvenut lill-

atturi bhala sehemhom mill-kirjiet u bejgh ta' appartamenti li jinsabu f'Porchester House, Triq l-Ghollieq, Mosta;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata;
4. tiddikjara li l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligi minnu assunti fil-kuntratt tal-11 ta' Marzu 1988;
5. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba l-agir tal-konvenut, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nomiandi;
6. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Mejju 1998 u ta' l-ittra legali tas-17 ta' Awissu 1998 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

B'rizerva ghall kull azzjoni spettanti lill-atturi f'kaz li l-attur jitrasferixxi l-bejt u l-arja ta' Porchester House, Triq l-Ghollieq, Mosta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi guramentata mill-atturi Brian Richard Andrews, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla ghaliex ma thallashx ir-registru kif suppost u dan stante li l-kawza ghandha tigi ntaxxata b'tali mod li tirrefletti t-talba ghal hlas ta' sittax-il elf lira sterlina (£Stg 16,000);
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita ta' dak kollu li sar f'din il-kawza (inkluz in-notifiki li saru) minn mindu l-atturi telqghu minn dawn il-Gzejjer sa llum u dan peress li ma dahal hadd sabiex jirrapresentahom fl-atti tal-proceduri odjerni;
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-atturi qeghdin jinvokaw obbligazzjonijiet li m'ghandhom ebda effett billi maghmula fuq kawzi illeciti (artikolu 987 et seq tal-Kap 16) cioe' kawzi li huma pprojbiti mill-ligi (per ezempju l-Att Dwar il-Kontroll tal-Kambju Kap 233, l-Att

Dwar l-Akkwist ta’ Proprejta’ Mmobbli minn persuni mhux residenti Kap 246, l-Att dwar it-Trusts Kap 331 u l-Att li jirrikonoxxi Trusts Kap 374) u kuntrarju ghall-ordni pubbliku;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi qatt ma kienu s-sidien tal-proprejta’ immobbli imsemmija fic-citazzjoni taghhom u ghalhekk ma jistghux jitolbu sehemhom mill-kirjiet u mill-bejgh ta’ l-istess immobbli;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-atturi huma persuni li mhumiex residenti f’Malta u ghalhekk ma setghux jakkwistaw proprjeta hawnhekk jekk mhux bil-permessi ta’ l-awtoritajiet kompetenti;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju sabiex isiru l-hlasijiet li qeghdin jitolbu l-atturi jehtieg li jkun hemm il-permess ta’ l-awtoritajiet kompetenti, fosthom il-Ministru tal-Finanzi;

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess u riferibbilment ghall-ewwel talba l-atturi ma jistghux jitolbu li l-ecipjenti ihallashom f’liri sterlini billi l-munita tal-flus f’Malta hija l-lira Maltija u hija biss il-lira Maltija li ghandha valuta legali hawnhekk - art 39 et seq tal-Kap 204 Dwar il-Bank Centrali ta’ Malta.

8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ecipjent ma ssellifx flus minghand l-atturi;

9. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom jesebixxu prospett dettaljat tal-flus li qeghdin jitlobu fit-tieni talba taghhom u tad-danni pretizi minnhom fil-hames talba halli l-ecipjenti jkun f’posizzjoni jiddefendi ruhu ahjar;

10. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ecipjent ma kkagunax danni lill-atturi;

11. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom l-istock tal-hanut tad-deheb (jewellery shop) illi l-ecipjenti kellu l-Ingilterra liema stock (jew il-valur tieghu ta’ llum) ghandu jigi ritornat lill-ecipjenti;

12. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenjonant li permezz taghha, wara li ppremetta: Illi l-konvenut kellu hanut tad-deheb (jewellery shop) l-Ingilterra u meta gie biex jerga jigi jghix Malta hall l-istock kollu li kellu ta' l-istess hanut f'idejn l-atturi;

Illi l-konvenut irid dan l-istock lura pero' l-atturi, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, qeghdin jirrifjutaw li jaghtuhulu lura;

Illi m'hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar f'hiex kien jikkonsisti l-istess stock u dwar il-valur tieghu;

Jghidu ghalhekk l-atturii ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-konvenut halla fil-pussess taghhom l-istock tal-hanut tad-deheb (jewellery shop) li kellu l-Ingilterra u li dan l-istock ghandu jigi ritornat minnhom lill-konvenut;
2. Jigi stabbilit fiex kien jikkonsisti l-istess stock u l-valur tieghu;
3. Jigu l-atturi kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jirritornaw lill-konvenut l-oggetti kollha komprizi fl-istess stock proprjeta tal-konvenut li thallew fil-pussess taghhom;
4. Fin-nuqqas jigu kkundannati jhallsu lill-konvenut il-valur ta' dawk l-oggetti li ma jirritornawlux skond kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-atturi li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut rikonvenzjonant u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturii rikonvenzjonati li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-Artikolu 742 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess in-nullita tar-rikonvenzjoni ghaliex m’hijiex konnessa mat-talba ta’ l-atturi kif tikkontempla l-ligi fl-Artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);
3. Illi minghajr pregudizzju u f’kull kaz in-nullita tat-talbiet tal-konvenut peress li kellu l-ewwel jitlob li n-negozju li kienu jezercitaw hu u l-eccipjenti Devonia Andrews gewwa l-Ingilterra jigi likwidat;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent Brian Andrews m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut f’dan ir-rigward u qatt ma nghata oggetti biex izomm bhala depozitarju;
5. Illi fil-meritu tat-talbiet tal-konvenut huma nfondati u kien biss wara li l-atturi ntavolaw il-proceduri odjerni li l-konvenut beda jivvanta din il-pretenzjoni. L-eccipjenti Devonia Andrews ghandha fil-pussess taghha ftit oggetti biss li ddepozitat b’bank Ingliz u li l-konvenut seta’ meta ried imur jigborhom minghand l-eccipjenti gewwa l-Ingilterra.

F’kull kaz l-eccipjenti ghandha l-jedd ta’ *jus retentionis* sakemm il-konvenut ihallas dak li huwa dovut skond il-ligi lid-depozitarju;
6. Illi f’kull kaz l-ispejjez ta’ din l-istanza huma inutli u vessatorji u ghandu isofrihom kollha l-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturii rikonvenzjonati u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li fl-udjenza tas-27 ta’ Mejju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel tlett eccezzjonijet tal-konvenut u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati;

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fit-23 ta' Lulju 2003 fejn dana irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Lulju 2003 bil-visto tal-kontro parti;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi, u senjatament mill-evidenza dokumentarja jirrizulta li permezz ta' skirttura datata 11 ta' Marzu 1988[1] maghmula fl-Ingilterra bejn il-kontendenti, dawn ftehmu *"to invest money in the pruchase of property in Malta for their mutual benefit"* u b' dan il-ghan ftehmu li l-atturi kellhom johrogu s-somma ta' Lm20,500 u l-konvenut johrog somma ekwivalenti, sabiex tinxtara proprjeta' Malta fuq isem il-konvenut, izda li nofsha kellha tappartjeni lill-atturi u in-nofs l-iehor lill-konvenut. Ftehmu li l-proprjeta' tinxtara *"in the sole name of Mr.Borg [il-konvenut] but he shall hold it in trust for himself and Mr. And Mrs. Andrews [l-atturi].."* Ftehmu wkoll li meta tinbigh il-proprjeta' mill-konvenut, il-kirjiet li jkunu gew percepiti mill-propjeta' u l-introitu nett tal-bejgh jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom, anki l-ispejjez necessarji ghall-proprjeta' kellhom jigu sopportati bejniethom fl-istess kwota.

Illi permezz ta' kuntratt[2] datat 11 ta' Awissu 1988 maghmul f' Malta fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, il-konvenut xtara fuq ismu il-proprjeta' *"in shell form"* fi Triq l-Ghollieq gol-Mosta konsistenti fi blokk ta' bini b' erba appartamenti, indikata fl-att tac-citazzjoni bhala Porchester House versu l-prezz ta' Lm21,000.

Illi fit-2 ta' Mejju 1990 il-konvenut Alfred Borg iffirma dikjarazzjoni quddiem l-imsemmi Nutar, fis-sens li huwa residenti Porchester House Triq l-Ghollieq Mosta u li qed izomm din il-proprjeta' fuq ismu u fuq isem Brian Richard

[1] Fol.6 *et seq.*
[2] Fol.43 *et seq.*

Andrews fi kwoti wguali bejniethom. Iddikjara wkoll li huwa ghandu jghati lil dan Andrews is-somma ta' sittax il-elf lira sterlina [16,000 stg.] u li din *il- "loan shall be a first charge upon my half share in the said property.."*

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank Centrali rrizulta li fil-perijodu bejn 1988 u 1990, l-atturi qatt ma talbu permess sabiex jisilfu flus lil persuni ta' nazzjonalita' maltija; u qatt ma talbu permess biex jiehdu flus minn Malta.[3] Di fatti, *"qatt ma ntalab [minnhom] ebda tip ta' permess].*

Illi fid-deposizzjoni sussegwenti,[4] l-istess xhud ikkonferma li bejn 1987 u 1992 ma kien hemm ebda applikazzjoni mill-atturi la biex johorgu flus barra minn Malta, lanqas biex jinnegozjaw fil-flus barranin. Fir-rigward tal-konvenut Borg, ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm ebda applikazzjoni fuq Alfred Borg biex jissellef flus minghand barrani.

Ix-xhud spjega li biex barrani jhdahhal flus f' Malta ma kienx hemm bzonn permess, izda kellu bzonn permess tal-Bank Centrali biex barrani jislef lil Malti, u f' dan il-kaz hija l-persuna maltija li trid tapplika ghall-permess.

Ix-xhud Bernard Bonnici[5] li jahdem fl-ufficju li jipprocessaw applikazzjonijiet sabiex barranin jixtru proprjeta' Malta, ikkonferma li qatt ma saret applikazzjoni mill-atturi Andrews sabiex jottjenu permess [6] biex jixtru proprjeta' Malta. Huwa spjega li l-permessi lill-individwi barranin jinghataw biss ghar-residenza personali taghhom u, salv kazijiet ta' Special Limited Areas, limitatament ghal proprjeta' wahda.

### *It-tielet eccezzjoni tal-konvenut – Kawza Illecita*

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut Alfred Borg, u ghaz-zewg eccezzjonijiet tal-atturi

[3] Dep. Frank Caruana – 12.06.2001 – Fols.97 - 103
[4] Fol.116 *et seq.*
[5] Dep.8 ta' Mejju 2001 Folo.85 *et seq.*
[6] AIP permit

Andrews. It-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li *"it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li l-atturi qeghdin jinvokaw obbligazzjonijiet li m' ghandhom ebda effett billi maghmula fuq kawzi illeciti [Art.987 et seq. tal-Kap.16] cioe' kawzi li huma projibiti mill-ligi … u kuntrarji ghall-ordni pubbliku"* Il-konvenut indika dawk il-ligijiet li skond hu qed jigu vjolati bl-obbligazzjonijiet invokati mill-atturi, u cioe bhala ezempju semma: l-Att Dwar il-Kontroll tal-Kambju Kap.233, l-Att Dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti Kap.246, l-Att dwar it-Trusts Kap.331 u l-Att li Jirrikonixxi Trusts Kap.374. Illi permezz ta' nota prezentata fit-22 ta' Jannar 2002,[7] huwa indika l-artikoli specifici li fuqhom qed jibbaza din l-eccezzjoni.

*Kawza Illecita*

Illi in tema legali jigi osservat li *"Hu pacifiku fil-gurisprudenza li 'hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fil-kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija **pprojibita mill-ligi** jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija **kontra l-ordni pubbliku** meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista'tigi sollevata mill-Qorti ex officio' **[Vol.XII.I.684]**. 'Nessun atto, per quanto liberament consentito e, talora ripetuta, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un' obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico' **[Vol.XXII.I.193]**. Gie ritenut ukoll li l-legislazione ta' natura fiskali hi minnha nnifisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess komuni."[App.Civ. **Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et]**[8]**.***

Illi fil-kaz in disamina jirrizulta manifest li l-ftehim maghmul mill-partijiet fil-11 ta' Marzu 1988 go l-Ingilterra, fejn dawn kienu joqghodu, huwa intiz sabiex tevadi l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobiljari minn Persuni mhux Residenti [Kap.246] li fl-Artikolu 3 jistipula li, " *persuna mhux residenti ma tistax takkwista proprjeta' immobbli, b' xi jew that xi titolu, u b' xi mod, ikun liema jkun, sew jekk*

[7] Fol.122
[8] App.Civ [1996]Vol.XXX.II.987]; [1993].Vol.LXXVII.III.140]

*b' att inter vivos jew casusa mortis…. u kull att, testment jew haga ohra li juru li jittrasferixxu jew ighaddu xi proprjeta' immobbli lil persuna mhux residenti…. huwa null.."* – sakemm ma jigix ottenut il-permess bil-miktub mill-Ministru tal-Finanzi. L-istess Artikolu jkompli jestendi din in-nullita' ghal kull *" ..hlas jew haga ohra maghmula jew moghtija bhal parti minn jew b' konsegwenza ta' jew ancillari ghal xi haga projibita kif intqal qabel"*

Illi l-ftehim in disamina ghandu bhala ghan tieghu dak li l-atturi Andrews, li ma humiex residenti Malta, jakkwistaw id-dritt ghal nofs indiviz ta' proprjeta' gewwa Malta mixritja fuq isem Alfred Borg;  u inoltre, huwa intiz sabiex l-istess atturi, jinvestu fi proprjeta' hekk akkwistata u jghamlu negozju u qligh minnha – u dana bi vjolazzjoni tal-imsemmi Att li ghandu bhala *ratio legis* tieghu dak li, fl-interess generali jikkontrolla l-akkwist ta' proprjeta' f' Malta minn barranin, irrispettivament mill-forma tal-akkwist. Huwa intiz sabiex irazzan l-akkwist f' Malta ta' proprjeta' minn  persuni mhux residenti sabiex jevita li ssir, da parti ta' dawn, spekulazzjoni u gwadan mis-suq tal-proprjeta' f' Malta.

F' dan l-istadju huwa opportun li jigi osserva li, ghalkemm fis-sistema legali taghna nsibu l-kuncett ta' mandatarju prestanome li huwa dak li apparentement jesercita d-drittijiet tal-propretarju mentri fil-realta' mhux hlief il-mandatarju,[9] *"Il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta' jaghmel huwa nnifsu".[10].* Il-mandat ghandu jkollu bhala <u>skop tieghu haga legali</u>, <u>haga li l-mandant seta' jaghmel huwa nnifsu</u>. Altrimenti l-mandat ikun bazat fuq kawza illecita, u allura l-mandanti ma jkollu ebda azzjoni kontra l-mandant.[11]

Ghaldaqstant, il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern gia la darba jirrizulta car li l-atturi ma humiex residenti Malta u gia la darba irrizulta provat li dawna ma talbu ebda permess

---

[9] ***Prof.Anthony Mamo vs Nobbli Charles Sant fournier*** – 2 ta' Mejju 1957 – Vol.XLIB.I.298
[10] Art. 1857 Kap.16
[11] PA ***Rev.Dun Vincenzo Borg vs Giuseppe Caruana et*** – 5.10.1959 – Vol.XXXIV.632

skond l-imsemmi Att sabiex ikun jistghu jakkwistaw prorpjeta’ Malta, allura dan il-ftehim kemm kif redatt kif ukoll fl-ispirtu tieghu jmur kontra ligi li hi ta’ ordni pubbliku tenut kont li hija ta’ interess generali. L-atturi mandanti bhala persuni mhux residenti Malta, ma setghux jakkwistaw proprjeta’ Malta jekk mhux bil-permess skond il-ligi precitata; u allura fin nuqqas ta’ dan il-permess ma setghux jghatu mandat lill-konvenut Alfred Borg biex dan jaghmel ghan-nom taghhom dak li huma prekluzi milli jaghmlu bill-ligi.

Konsegwenza ta’ dan, l-obbligazzjonijiet naxxenti minn dan il-ftehim huma meqjusa minn din il-Qorti bhala bazati fuq kawza illecita u ghalhekk ma jistax jintalab f’ Malta l-esekuzzjoni taghhom. *“Quando il fatto e’ illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; e’ una obbligazione fondata su causa illecita, poiche’ la causa si confonde coll-oggetto dei contratti; e quando la causa e’ illecita l’ obbligazione e’ inesistente e non puo’ avere alcun effetto” **[Laurent** Vol.XXVII para.402]*[12]

Kull kuntratt jew ftehim iehor li jivvjola l-imsemmija ligi li, tenut kont tal-esigenza socjali taghha, hija ta’ ordni pubbliku, huwa kolpit b’ nullita’ radikali, u l-Qorti ma tistax tordna l-esekuzzjoni jew tieghu konjizzjoni tal-inadempjenza taghhom; ghax altrimenti tkun qeda tghin u tassisti lill min ikun ghamel haga illecita.

Illi din l-illegalita’ tolqot ukoll l-imsemmija dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut fit-2 ta’ Mejju 1990 fejn iddikjara li huwa ghandu jghati lill-atturi s-somma ta’ 16,000 sterlina u li dan id-debitu ser jithallas mis-sehem tieghu fil-proprjeta’ fuq indikata. Il-Qorti hija tal-fehma li anke din id-dikjarazzjoni ma ghandux jkollha effetti legali, stante li tippresupponi u hija bazata fuq stat ta’ fatt miftiehem li huwa inerentement illecitu, u cioe’ li nofs dik il-proprjeta’ tappartjeni lill-persuni mhux residenti Malta, cioe’ l-atturi.

Illi pero’ din in-nullita’ ma tolqotx il-valur probatorju tad-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa debitur tal-atturi fis-

[12] Citat fil-kawza – PA ***Rev.Dun Vincenzo Borg vs Giuseppe Caruana et*** – 5.10.1959 – Vol.XXXIV.632

somma ta' 16,000 il-lira sterlina, ghax kuntrarjament ghal dak li jidher li qed jissottometti l-konvenut, fis-sens li din id-dikjarazzjoni tinkorpora fiha self fi flus barranin minn residenti barra minn Malta lil persuna residenti Malta, il-Qorti tirrileva li l-kontenut tad-dikjarazzjoni, dwar dan l-aspett, huwa merament dikjaratorju u bhala tali ghandha valur u effetti probatorji fil-ligi. Huwa minnu li f' certu cirkostanzi, dikjarazzjoni tista' tirrakkjudi fiha assenjazzjoni, izda dan mhux fil-kaz in disamina.

Fi kliem iehor, mid-dicitura ta' dan id-dokument, ma jirrizultax li s-self ta' dik is-somma sar proprju fit-2 ta' Mejju 1990, imma saret biss dikjarazzjoni; u l-provi juru li fuq bazi ta' probabbilita' dan is-self kien sar meta l-konvenut kien ghadu jghix l-Ingilterra u, kif sostna il-konvenut fix-xhieda tieghu, huwa, f' dak iz-zmien, kien issellef xi flus minghand l-atturi biex ikun jista' jixtri proprjeta' Malta.[13]

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonsidera din l-eccezzjoni tal-konvenut bhala fondata fil-fatt u fid-dritt, limitatament ghat-talbiet minn numru 2 sa numru 6, u ghalhekk, previa li tilqa' din l-eccezzjoni kif fuq indikat, tichad dawn it-talbiet bl-ispejjez kontra l-atturi.

Illi in kwantu ghall-ewwel talba, l-eccezzjoni in disamina hija insostenibbli u qeda tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-konvenut. Ghaldaqstant tordna l-prosegwiment tal-azzjoni attrici limitatament ghall-ewwel talba.

## Kontro talba

Illi fil-kontro talba tieghu u fid-dikjarazzjoni guramentata relattiva, il-konvenut Alfred Borg qed isostni li meta huwa kien jghix gewwa l-Ingilterra huwa kellu hanut tad-deheb u meta gie Malta biex jerga' jibda jghix hawnhekk, huwa halla l-istock kollu f' idejn l-atturi; izda dawna issa, minghajr raguni valida fil-ligi, qed jirrifjutaw li jaghtuhulu lura. Ghaldaqstant il-konvenut rikonvenzjonant

[13] Fol.152

bazikament qed jitlob li l-atturi jigu kkundannati jirritornaw dan id-deheb jew il-valur tieghu.

*L-ewwel eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati – Gurisdizzjoni.*
Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-atturi hija fis-sens li l-Qrati Maltin m' ghandhomx gurisdizzjoni biex jiehdu konjizzjoni ta' din it-talba u dan in bazi tal-Artikolu 742 tal-Kap.12

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sub inciz 1(g) tal-Artikolu 742 li jistipula li l-Qrati Civili Maltin fil-gurisdizzjoni civili ghandhom gurisdizzjoni li jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw *"kull persuna li tkun b' mod espress kew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti."*[14] u l-artikolu 743 jghid li " *Jaqa' wkoll taht il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili, kull min ikun rikonvenut f'kawza proposta minnu".*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirriuzlta car li l-attur permezz tal-azzjoni taghhom fil-Qrati Maltin ghandhom jigu meqjusa bhala li ssottomettew ruhhom volontarjament ghal guridizzjoni ta' dawn il-Qrati, u ghalhekk l-istess Qrati ghandhom guridizzjoni li jiehdu konjizzjoni tal-kontro talba li hija konnessa mal-azzjoni promotorja tal-atturi, kif ser jigi spejgat aktar il-quddiem f' dan il-gudizzju.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli fid-drittu u qed tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

***It-tieni eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati – Rikonvenzjoni.***

Illi din l-eccezzjoni tal-atturi hija fis-sens li r-rikonvenzjoni hija nulla stante li m' hjiex konnessa mat-talba tal-atturi skond l-Artikolu 396 tal-Kap.12

[14] Sottolinear mizjud

Illi dan l-Artikolu jelenda l-elementi li jridu jikkonkorru sabiex kontro talba tkun tista’ tigi validament promossa; u fil-paragrafu (b) il-ligi taghti l-fakolta’ lill-konvenut li jaghmel kontro talba kontra l-attur, *“meta l-iskop tal-kontro talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b’ kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta’ l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.”*[15]

Illi fid-deposizjoni tieghu tal-4 ta’ April 2003 il-konvenut Alfred Borg qal *“Jien kont ghamilt ftehim maghhom li huma kienu ser jaghtuni xi flus u jiena tajthom xi deheb bhala collateral. Dan id-deheb jiena tajtulhom, li kien jiswa’ izjed mill-flus li selfuni, and that was that”.*[16] Mistoqsi ghaliex ma kienx ha passi la fl-Ingilterra u lanqas f’ Malta meta sema li l-attrici Devonia Andrews kienet bieghet id-deheb minghajr il-permess tieghu, il-konvenut irrisponda *“Ghax jiena ssellift il-flus minghandhom u ghidt mela tit for tat. I don’t want any problems. Forget it.”*[17]

Illi minn dan jirrizulta car li l-kontro talba hija marbuta mal-flus li l-atturi kienu selfu lill-konvenut meta dana kien ser jixtri l-proprjeta’ f’ Malta; u li l-istock tad-deheb li l-konvenut qed jsemmi fil-kontro talba tieghu kien garanzija ghal-dan is-self. Il-konvenut qed is-sostni li gia la darba huma ma humiex lesti li jirritornawlu d-deheb, allura huwa ma kienx preparat li jirrifondi l-flus lilu mislufa.

Ghalhekk jidher car li t-talba tal-konvenut ghar-restituzzjoni tad-deheb jew ghall-hlas tal-valur tieghu temani mill-istess fatt ossia transazzjoni li fuqha hija bazata l-pretensjoni tal-atturi ghar-restituzzjoni tas-somma ta’ 16,000 sterlina mislufa minnhom lil-konvenut.

Il-Qorti tosserva li f’ dan il-kwadru jikkonfigura l-element tar-rikonvenzjoni indikat fl-imsemmi sub inciz stante li l-kontro talba hija intiza u qeda ssir bi skop ta’ kompensazzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 1196 li fis-sub inciz 1 jistipula li *“(1) Meta tnejn minn nies huma debituri ta’ xulxin, issir bejniethom tpacija.*

[15] Sottolinear mizjud
[16] Fol.152
[17] Fol.154

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, anke din l-eccezzjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u qeda tigi michuda; u ghaldaqstant il-Qorti tordna li prosegwiment tas-smigh tal-kontro talba tal-konvenut – Spejjez a kariku tal-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------